(ii) zewg raincoats u ghodda minn karozza Nru D-9593, liema serq sar ghad-dannu ta' Michael Briffa u Carmel Vella, u kien aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
(iii) loudspeaker u stereo cassette player minn karozza Nru S-6439, liema serq sar ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi u kien aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bix-xorta tal-haga;
(iv) batterija, ghodda, whipers, mirja u cassette-player tal-marka "Roadstar", minn karozza Nru S-8854, liema serq sar ghad-dannu ta' Francis Dalli u kien aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
(v) mill-impjant tal-kumpanija Schembri Bros & Farrugia Limited, Concrete Works, li jinsab fi Triq tal-Barrani, ikkommettew serq ta' truck numru E-1286, li l-valur tieghu jeccedi l-Lm1,000, ghad-dannu ta' l-istess kumpanija, liema serq aggravat bil-valur u bil-mezz;
(vi) ikkommettew serq ta' truck Nru H-4460 li l-valur tieghu jeccedi l-Lm1000 ghad-dannu tad-ditta Alfaran, liema serq hu aggravat bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa;

Liema atti, ukoll jekk maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispossizzjonijiet tal-ligi l-**Artikoli 261(b)(c)(g), 263(a)(b), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kodici Kriminali**, gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u ghandhom jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat a tenur tal-**Artikoli 18 u 20 tal-Kodici Kriminali.**

**<u>Fil-konfront biss ta GODWIN SCHEMBRI</u>**

12) talli sar recidiv u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta' Ottubru, 1982 li biha hu kien gie kkundannat, liema sentenza ma tistax aktar tigi mhassra

**<u>Fil-konfront biss ta EDWIN BARTOLO</u>**

13) Talli saq truck Nru H-4460, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz bi ksur tal-**Artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Kap. 65.**

14) Talli sar recidiv fir-reat ta' serq u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Dicembru 1971 li biha kien gie kkundannat ghal reat simili, liema sentenza ma tistax aktar tigi mhassra; u wara li kien ikkundannat b'sentenzi li ma jistawx aktar jigu mhassra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-23 ta' Marzu 1982 u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Lulju, 1982.

**<u>Fil-konfront biss ta TONINU sive ANTHONY CARABOTT</u>**

15) Talli sar recidiv fir-reat ta' serq u dan b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Dicembru 1968 li ma tistax aktar tigi mhassra, li biha hu kien gie kkundannat ghal reat simili.

Mill-atti ta dan il-process, u mill-atti l-ohra annessi, jirrizulta stabbilit illi l-partit politiku, il-Partit Nazzjonalista, munit bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kien ser izomm "Mass Meeting" ghall-partitarji tieghu fiz-Zejtun fit-30 ta Novembru 1986 fit-3.00 p.m.

Minhabba l-opposizzjoni qawwija li kienet saret ghal dan il-Mass Meeting mill-partitarji tal-partit politiku fil-Gvern, il-Partit Laburista, u minhabba biza fondata li xi estremisti setghu jippruvaw ifixxklu dak li kien ser jigi legittimament organizzat, is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, l-Onorevoli Louis Galea LL.D., kienu deherlu opportun li jissenjala l-preokkupazzjoni tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex dan jimpenja ruhhu ghaz-zamma tal-bon ordni li kienet ir-responsabilita' tieghu (v. fol. 1430 tal-atti tal-Inkjest annessi).

Izda rrizulta li sa mill-lejl tad-29 ta Novembru it-toroq li jghatu access ghar-rahal taz-Zejtun kienu digia' bdew jigu imblokkati u mbarrati bil-gebel, terrapien u ostakoli ohra u ghalkemm dan kollu kien mgharuf lill-Awtorita' koncernati ma jirrizultax li ttiehdet xi azzjoni determinanti biex jitwaqqaf dan l-abbuz. Anzi jirrizulta li dan l-ingombru tat-toroq pubblici baqa jsir anke fil-presenza ta ufficjali tal-Pulizija individwali li ghazlu li ma jiehdux azzjoni (v. deposizzjoni ta PC 213 Raymond Busuttil – fol. 296, PC 1029 Alfred Spiteri - fol 556, ecc.).

Meta, fil-hin iffissat ghall-Meeting, il-partitarji Nazzjonalisti bdew javvicinaw iz-Zejtun minn Triq tal-Barrani huma l-ewwel gew rinfaccati minn gemgha zghira ta rgiel li, wara xi tfigh ta gebel, irtiraw wara l-ostakolu fit-triq ikkreat b'gaffa, terrapien u trukk li tpogga fin-nofs dak il-hin stess, u in segwitu avvanzaw ghall-fuqhom l-iskwadra tal-SMU, attrezzati minn kollox komprizi maskri tal-gass, b'dawn segwiti minn gemgha ta madwara 100 ruh ta nies pajzana, b'bosta minnhom mghammda u/jew armati u bil-kavallerija tal-Pulizija fuq wara.

Waqt li l-pulizija tal-SMU sparaw cilindri ta 'tear gas' ghal fuq il-partitarji Nazzjonalisti, beda jintefa il-gebel ma kullimkien u gew sparati hafna tiri minn armi tan-nar, sfaw feruti diversi persuni b'uhud minnhom feruti gravement u l-partitarji Nazzjonalisti kellhom jabbundanaw il-Meeting u jirtiraw, segwiti minn dik l-armata mhallta li halliet ukoll numru ta vetturi mkissrin jew mahruqin u diversi hsarat fi proprjeta' pubblika kif irrelataw l-esperti nominati.

Mhux esklus illi l-hsara rizultanti fil-proprjeta' setghet kienet ukoll ikkawzata minn xi ritaljazzjoni ta xi partitarji tal-partiti Nazzjonalista, infatti uhud mill-vetturi dannegjati kienu jappartjenu lill-ufficjali tal-Pulizija li kienu stazzjonati fiz-Zejtun u li pparkeggjaw il-vetturi taghhom fi Triq tal-Barrani. Fosthom kien hemm il-vetturi ta PC 999 Jesmond Chircop(fol 183), PC 295 Michael Briffa (fol. 188), Alfred Tonna (fol. 190) PC 134 Jesmond Cassar (fol. 195), PC 80 Charles Vella (fol. 197) u PC 631 Francis Dalli (fol. 199).

Mill-provi prodotti jirrizultaw il-hsarat kollha elenkati fit-tielet (3) akkuza kontra l-erba imputati, hlief dik li tirrigwarda it-truck numru H-4460 (v), t-truck J-2451 (xiii) u l-vettura numru X-1469 (xii) (presumibilment minhabba xi svista billi rrizultaw danni fuq vettura X-1569), waqt li d-danni fi proprjeta' pubblika jirrizultaw mir-relazzjoni tal-AIC Richard Aquilina (fol. 55 tal-atti tal-inkjesta) u ammontanti ghal LM2675.

Ghal dak li jirrigwarda l-offizi fuq il-persuni, mill-atti tal-kawza jirrizulta li gew ippruvati feriti gravi fuq il-persuni ta' Rose Gauci (fol. 124) u Salvu Debono (fol 166 u 640) kif ikkonfermaw it-tobba kuranti, bil-ferita ta Gauci konsistenti f'gidma f'mnieherha li gabet sfregju u dik ta Debono ikkawzata minn balla f'irkoptu sparata minn arma regolari bil-ferita tieghu tiehu iktar minn (tletin) 30 jum biex tfieq; izda fejn jirrigwarda l-feriti li sofrew Annunzjata Falzon (1(a) i)), Vincent Falzon (1(a)ii)), Carmelo Xuereb (1(a)v)) u Carmelo Azzopardi (1(a)vi), fin-nuqqas ta konferma medika, il-feriti ghandhom jitqiesu li kienu hfief. Fil-kaz ta Joseph Grima (1(a)vii), Dr. Paul Soler iccertifika li l-feriti effettivament kienu ta natura hafifa.

Dwar il-persuni msemmija fl-akkuza 1(b) jirrizultaw ippruvati ampjament il-feriti hfief kif allegati.

Huwa rilevanti li jigi enfassizat hawnhekk illi l-persuni kollha li garrbu feriti (kif rrizulta f'din il-kawza) kienu partitarji tal-Partit Nazzjonalista jew li nqbadu ma dawn il-partitarji.

Dawn huma l-fatti li rrizultaw mill-provi prodotti quddiem il-Qorti u huma l-istess fatti li kienu digia' evidenti matul l-inkjesta relattiva. Infatti l-Magistrat Inkwirenti fil-Process Verbal relattiv tas-16 ta Novembru 1988, hawn anness (izda din hija biss vera kopja billi l-original baqa sal-lum ma giex rintraccjat) kien ikkonstata illi:

*"sat-30 ta Novembru fil-ghodu kullhadd kien jaf illi t-toroq li jiccirkondaw iz-Zejtun kienu kollha, jew prattikament kollha, maghluqin bil-barrikati li kienu saru minn xi persuni li certament mhux membri tal-Partit Nazzjonalista………*
*Triq tal-Barrani kienet maghluqa fiz-zewg karreggjati taghha, billi karreggjata minnhom kienet ilha maghluqa minn bil-lejl, waqt li l-karreggjata l-ohra kienet inghalqet matul il-gurnata b'gaffa u xi affarijiet ohra li kienu tqghedu fl-istess karreggjata.* ***Dan sar waqt li l-Pulizija kienu prezenti fuq il-post****……*
*………….kien hemm kwantita ta persuni pajzana li kienu qed "jassistu" lill-S.M.U. u lill-Pulizija l-ohra biex jimbarraw il-progress tal-partitarji Nazzjonalisti lejn id-direzzjoni taz-Zejtun.*
*………. Faccat tal-folla Nazzjonalista kien hemm skwadri tal-Pulizija u nies pajzana………. L-iskwadra tal-S.M.U. taht l-Ispettur Cassar, li sa dak il-hin kienet 'fall-in' mal-gemb tat-triq tal-Barrani, giet skjerata fit-triq u bdiet tavvanza, flimkien mal-pajzana, lejn il-folla Nazzjonalista.*
*F'mument minnhom l-S.M.U. inghataw ordni biex jisparaw il-gas tad-dmugh…..*
*Jirrizulta illi dan it-'tear gas' baqa jigi sparat regolarment waqt li S.M.U. baqghu javanzaw u l-folla bdiet tirtira, pero' xi kultant taghmel xi sforzi biex forsi tirkupra mit-triq li kienet qedgha titlef. …….*
*Mir-rapport tal-esperti ballistici, tirrizulta l-kwantita' ta' sparar li kien hemm billi nstabu kwantita' ta skratac, kwantita ta' balal u li dawn gew sparati minn armi tan-nar differenti……*
*Fl-incidenti gew feruti l-persuni ………u garrbu hsarat il-hitan, il'bus stop-stages, shelters, u proprjeta' privata bhal karozzi u proprjeta' ohra."*

Mir-relazzjoni tal-esperti tal-ballistika jirrizulta li kienu gew sparati diversi tipi ta armi tan-nar ikkonfermati mill-iskratac, comb u balal diversi li nstabu fuq il-post jew li gew estratti mill-gisem tal-persuni milquta. Inoltre d-deposizzjonijiet ta diversi partitarji Nazzjonalisti (Saviour Debono fol. 116 u 640, Emmanuel Caruana fol 119, Annunzjata Falzon fol. 127, Joseph Grima fol. 168, Carmelo Azzopardi fol. 178 u ohrajn) u membri tal-Pulizija

(S.Maggur Joseph Sammut fol. 301, PC 221 Elia Muscat fol.319, PC 1167 Tarcisio Borg fol. 324, PC 168 John Falzon fol. 335 u ohrajn), li kkonfermaw mhux biss l-isparar izda ukoll li d-direzzjoni tieghu u ta min kien risponsabbli, ghalih, kien provenjenti minn naha taz-Zejtun, ossia mill-gemgha li kienet qed taffronta il-partitarji Nazzjonalisti. Inoltre PC 363 Noel Palmier stqarr li ra tnejn minn nies madwar il-gaffa timblokka t-triq b'revolver kull wiehed.

Ghaldaqstant, stabbilit minghajr ebda dubbju illi kienet ingabret gemgha ta hafna iktar minn ghaxar persuni, fosthom iktar minn zewg persuni armati b'armi regolari, illi kienu migburin bil-hsieb li jghamlu zgur almenu r-reati ta rewwixta (billi jgibu twerwir u biza fost in-nisa u rgiel li kienu qed jezercitaw id-dritt taghhom li jzommu meeting pacifiku kif awtorizzat ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali), ta vjolenza kontra l-privat (billi bi vjolenza jgieghelhu lill-istess partitarji jabbandunaw il-meeting), u ta sfrattu ta meeting, u illi dawn ir-reati, flimkien mar-reati ta offizi volontarji fuq il-persuna u hsara volontarja ta proprjeta' u reati ohra, effettivament gew perpetrati, jinkombi fuq il-prosekuzzjoni, ghall-fini ta'l-ewwel disa' akkuzi kontra l-imputati kollha, li tipprova li l-erba imputati kienu jiffurmaw parti minn dik il-gemgha u li l-partecipazzjoni taghhom kienet wahda attiva u mhux sempliciment dik ta spettaturi migbuda mill-kurzita'.

F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sedi Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija -v- Alfred Buttigieg et" deciza fis-26 ta Mejju 1958 kienet irriteniet illi *hu hati ta delitt ta' assemblea illegali min jiehu parti minn rewwixta ta' tlieta minn nies jew aktar migbura flimkien ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi, jew xort'ohra, li jistghu jgibu twerwir u biza' fost is-sudditi tal-Maesta' tar-Re. Imma mhux kull persuna li tkun hadet sehem f'dik il-gemgha hi hatja ta' dan id-delitt, ghax l-imputat seta' kien presenti fiha accidentalment, in kwantu ghall-prova li hi mehtiega biex jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-ligi, ma tantx jidher li hemm xi norma preciza dwar daqshekk; u allura l-kwistjoni tirriduci ruhha fl-apprezzament tal-Qorti dwar jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni jissostanzjawx l-akkuza. U jekk ikun hemm xi dubju ragjonevoli fl-istat tal-provi, dan ghandu jmur favur l-imputat.*

Ippruvat dan, biex imbaghad tinstab il-htija tal-imputati ghar-reati kommessi mil-gemgha ma jkunx hemm bzonn ta prova ta konnessjoni diretta tal-istess imputati mar-reati fis-sens li ma huwiex essenzjali li jirrizulta li kienu huma personalment li ppartecipaw fil-kommissjoni ta' kull reat; bil-partecipazzjoni attiva taghhom fil-gemgha ta persuni huma jirrispondu ghar-reati li jigu addebitati lil dik il-gemgha.

L-erba imputati, minn-naha taghhom, ghalkemm lkoll jammettu li kienu fil-vicinanzi, jekk mhux addirittura fejn inqalghu l-incidenti, lkoll izda isosstnu, hlief Godwin Schembri li baqa fuq il-post tant li gie ferut, li allontanaw

ruhhom qabel ma bdew xi incidenti u li ma hadu ebda parti attiva fl-operat tal-gemgha wara li gew imbarrati t-toroq.

**Alfred Desira** isosstni li kien wasal biss sa' t-triq li tghati ghal Triq tal-Barrani u wara xi nofs siegha telaq u mar jonsob Delimara minghajr ma ntervjena f'xi attivita' li kienet qed issir dak il-hin. Inoltre ipproduca ritratt ta certu Joseph Butler minn Tarxien, mehud minn fuq il-karta ta' l-identita' ta Butler u accettata bhala genwin mill-Prosekuzzjoni sabiex, minhabba x-xebh, jghati spjegazzjoni kif xi ufficjali tal-Pulizja kienu ddikjaraw li rawh fuq il-post tal-incidenti u kif gharfuh minn fuq xi ritratti.

Billi l-Qorti setghet tikkonstata li r-ritratt ta Joseph Butler effettivament ghandhu rassomiljanza straordinarja ma' l-imputat Desira, issib li ma tistghax tikkunsidra anke bhala biss indizju id-deposizzjonijiet ta xi ufficjali tal-Pulizja li ddikjaraw li setghu biss jidentifikaw lill-imputat mir-ritratti li ttiehdu waqt l-incidenti, minhabba id-dubbju serju li r-ritratti esibiti jistghu daqs tant juru lil Joseph Butler u mhux bil-fors lill-imputat Desira.

Il-provi l-ohra jikkonsistu fid-deposizzjoni ta PC 329 Leonard Busuttil, ta PC 888 Dunstan Camilleri u PC 71 Francis Vella lkoll isosstnu li raw il-Desira fil-gurnata in kwistjoni fil-vicinanzi.

Izda PC 71 Francis Vella (fol 392 u fol. 1083 PV Vol.IV ) ma jikkontradicix lill-istess imputat billi ma ndikax xi hin partikolari u inoltre kkonferma li l-imputat kien liebes normali miexi f'Triq Cachia Zammit ma ragel iehor. PC 329 Busuttil (fol 312), waqt li stqarr li xi hin *qabel* 2.30 p.m. assistih ragel li gharfu bhala Desira, ddikjara li sema n-nies jsejhlu "Godwin" (li huwa isem imputat iehor) u PC888 Dunstan Camilleri llimita ruhhu li jiddikjara biss li ra lill-imputati kollha fost l-gemgha waqt li kienet qed tavvanza wara l-S.M.U. izda ma ta ebda dettal dwarhom billi minhabba d-dhahen u l-incidenti ma kienx mohhu fihom.

Dawn il-provi fqar u n-nuqqas ta ebda ufficjal iehor mill-istakkament ta Camilleri li jgharaf lill-imputat ma humiex bizzejjed biex jelimina d-dubbju ragjonevoli dwar il-partecipazzjoni tal-imputat Desira.

Ghaldaqastant ma ssibux lill-imputat Alfred Desira hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah mill-akkuzi.

Dwar l-imputati l-ohra pero' il-provi huma abbondanti u skjaccanti u almenu Godwin Schembri jammetti l-presenza tieghu ma tul il-kors kollhu tal-incidenti tant li sofra ukoll xi griehi. Minn-naha tal-imputati Bartolo u Carabott, li bhal Schembri, *ma kellhom ebda preokkupazzjoni li jkunu identifikati*, jinjoraw id-deposizzjonijiet kollha li jpinguhom bhala protagonisti, identifikati f'kull fazi tal-attivita' illegali tal-gemgha, u

jippretendu li tista tkun ta xi gustifikazzjoni l-allegazzjoni ridikola li l-biza mill-partitarji Nazzjonalisti l-ewwel gieghelithom imorru jezaminaw l-attivita' ta mblokkar tat-toroq, wara jmorru jieklu go "batching plant" fejn kienu stazzjonati il-Mounted Section tal-Pulizija, bl-imputat Bartolo jiddikjara li kienet ghada kif wasslithu hemm marthu mid-dar, fejn jiekol mal-familja fit-tard biss, saq it-truck ghax appuntu f'dak il-hin u f'dak il-jum kellhu bzonn jghabbi t-tiben; fuq kollox hass li setgha jkompli jallega li nkiserlhu l-'gear lever' tat-truck ezatt f'nofs it-Triq tal-Barrani, fejn hallieh wieqaf,  kif appena avvicinaw il-partitarji Nazzjonalisti.

Kemm Carabott u Bartolo mbaghad isosstnu li meta bdew l-incidenti mal-partitarji ma kienux prezenti nonostante dak li jirrizulta mid-deposizzjonijiet numeruzi ezattament elenkati mill-abbli Prosekutur a folji 978 u 979 tal-process.

B'dan it-tentattiv dghajjef taghhom l-imputati Bartolo, Carabott u Schembri ma rnexxielhomx zgur li jirribattu dak li gie stabbilit mill-Prosekuzzjoni bil-provi preponderanti li ressqu u ma tawx spjegazzjoni sodisfacenti ghaliex kienu fuq il-post tal-incident u f'dawk ic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant issib illi l-imputati Bartolo, Carabott u Schembri kienu effettivament ippartecipaw attivament f'gemgha ta nies armati u konsegwentement issibhom hatja tad-disa (9) imputazzjoni dedotti kontra taghhom.

Billi kif digia' deciz din il-gemgha ta nies armati kienet wettqet ir-reati li kellha hsieb li taghmel, issib lill-imputati hatja ukoll tal-ewwel tmin (8) imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom kif aggravati bi vjolenza pubblika skond it-termini tal-Artikolu 63 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dak li jirrigwarda l-ghaxar (10) imputazzjoni fil-konfront ta Godwin Schembri akkuzat li kellhu jew taht il-kontroll tieghu apparat ta' telegrafija minghajr fili, minghajr licenza bil-miktub tal-Ministru responsabbli ghat-telegrafija minghajr fili bi jksur tal-**Artikoli 3(1) u 6 tal-Kap. 49,** jirrizulta li l-prosekuzzjoni qed tallega li l-istess Schembri kellhu fil-pussess tieghu fil-gurnata in kwistjoni CB/Walkie Talkie/Radio billi Frank Zammit (fol. 481), administrative  assistant fil-Wire & Telegraphy Department, ddikjara li l-imputat ma kellux licenzja ghal dan l-apparat specifiku waqt li tranisitor radio ma jirrikjedix permess.

Minn-naha tieghu Schembri jsosstni li l-apparat li kellhu kien effettivament transistor radio u ghalhekk, billi l-apparat in kwistjoni ma giex elevat ghaliex ma nstabx, il-prosekuzzjoni trid toqghod fuq xhieda okulari biex jiddeskrivu l-apparat. Izda dawn il-provi ma rrizultawx u l-prosekuzzjoni trid tasal ghall-prova billi targumenta li l-apparat kellu jkun CB Radio billi huwa mprobabbli,

jekk mhux ghal kollox inkredibbli, li l-imputat f'atmosfera vjolenti u perikolusa seta jsib iz-zmien u l-hajra li jisma kummentarju ta loghoba tal-football fuq transistor radio.

Izda ghalkemm anke din il-Qorti ssib d-dikjarazzjoni tal-imputat Schembri inaccettabbli, xorta wahda ma tistghax taccetta li l-fatt li l-imputat kellhu *xi haga* li kien qisu qed jisma minnha jew jitkellem fiha huwa prova sufficjenti fil-kamp kriminali biex jigi stabbilit li l-haga kien CB Radio li jirrikjedi licenzja.

Ghaldaqstant issib li din l-ghaxar imputazzjoni ma tirrizultax fil-konfront tal-imputat Godwin Schembri u minnha tilliberah.

Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet numri 12, 14 u 15 dwar ir-recidiva l-Prosekuzzjoni ma pprovdietx provi u la esibiet is-sentenzi msemmija u lanqas ma pproduciet xhieda dwar l-identita' u ghalhekk issib li dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx u minnhom tilliberahom.

Ghal dak li jirrigwarda l-akkuza numru hdax (11) ta serq fil-konfront tal-imputati Bartolo u Carabott jirrizulta mill-att ta rinviju tal-Avukat Generali tal-25 ta Mejju 1992 (fol. 760) li din l-akkuza ma gietx marbuta mal-aggaravju ta vjolenza pubblika u attruppament fis-sens li l-imputati m'ghandhomx jirrispondu ghas-serq allegat ghaliex kommess mill-gemgha li fih ippartecipaw attivament.

Ghalhekk din l-akkuza giet diretta lejn l-imputati direttament u l-prova rikjesta m'hiex dik biss li effettivament gie kommess serq minn xi gemgha ta nies assemblati llegalment li fosthom kien hemm l-imputati, izda trid tkun prova li fl-ewwel lok tistabilixxi li gie kommess is-serq u li l-imputati kienu l-persuni li effettivament wettquh.

Ghar-rigward tas-serqiet allegati fl-akkuzi taht is-subinciz i) , iii), u vi) tal-imputazzjoni numru 11), ma tirrizulta ebda konferma almenu mill-allegati derubati; waqt li dwar l-allegat serq imputat fis-subinciz v) tirrizulta konferma tas-sidien li l-imputat Bartolo ma seraq xejn billi kien awtorizzat minnhom li jghamel uzu mill-istess truck meta jkollhu bzonn. Ghalhekk dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx zgur u minnhom tilliberahom.

Ghalkemm b'riferenza ghas-serq allegat fis-subincizi ii) u iv) tirrizulta l-konferma tad-derubati Michael Briffa u Francis Dalli (limitatament ghal batterija u ghodda) ma tirrizulta ebda prova jew almenu indizju li l-imputati Carabott u Bartolo kienu ghall-inqas vicin dawn il-vetturi u wisq inqas li kienu b'xi mod risponsabbli ghas-serq.

Ghaldaqstant ma ssibx lill-imputati Bartolo u Carabott hatja ta din il-hdax (11) imputazzjoni u minnha tilliberahom.

Dwar it-tlettax (13) imputazzjoni li tirrigwarda sewqan bla kont, bi traskuragini jew b'mod perikoluz ta truck numru H-4460 din hija diretta esklussivament kontra l-imputat Edwin Bartolo biss u tirreferi bil-fors ghall-fatt ammess ta sewqan mill-Bartolo tal-istess truck mill-"batching plant" sa nofs it-Triq tal-Barrani fejn telqu li kien l-uniku kuntatt ta Bartolo ma dan it-truck.

Din il-manuvra giet ezegwita quddiem l-iskwadra kollha tal-Mounted Police u bosta minnhom ddikjaraw li Bartolo saq it-truck sa nofs Triq tal-Barrani izda hadd minn dawn ix-xhieda ma rrimarka dwar xi tip ta sewqan li jista' jikkwalifika bhala sewqan kontra r-regolamenti. Ghalhekk issib li din l-imputazzjoni ma tirrizultax u minnha tillibera lill-imputat Bartolo.

Ghalhekk issib lill-imputati Godwin Schembri, Edwin Bartolo u Anthony Carabott hatja tas-segwenti:

Talli fiz-Zejtun fit-30 ta' Novembru, 1986 wara nofs in-nhar, fit-Triq tal-Barrani:-

**1)** (a) ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta';

i) Rose Gauci, skond kif iccertifika Dr Joseph Vassallo M.D.;
ii) Salvu Debono skond kif iccertifika Dr Rupert Calleja M.D. liema ferita giet ikkawzata b'arma regolari;

(b) ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta';

i) Carmelo Xuereb;
ii) Carmelo Azzopardi;
iii) Annunziata Falzon;
iv) Vincent Falzon
v) Joseph Grima, skond kif iccertifika Dr P Soler M.D.;
vi) Anthony Calleja, skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat M.D.;
vii) Josephine Camenzuli, skond kif iccertifika Dr J. Tanti M.D.;
viii) Dr Franz Preziosi skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat M.D.;
ix) John Saliba, skond kif iccertifika Dr Constantine Caruana M.D.;
x) Mary Gauci skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat M.D.;
xi) Nazzareno Borg, skond kif iccertifika Dr Noel Vella M.D.;
xii) Gemma Calleja skond kif iccertifika Dr Rupert Calleja M.D.;
xiii) Joseph Camenzuli skond kif iccertifika Dr G Tanti M.D.;

xiv) Jennifer Camenzuli, skond kif iccertifika Dr Stephen Muscat M.D.;

xv) Saviour Lauro skond kif iccertifika Dr Constantine Caruana M.D.;

Bi ksur tal-**Artikoli 214, 216, 217, 221 (1)(2) tal-Kodici Kriminali** u liema offizi ghandhom jitqiesu li kienu akkumpanjati bi vjolenza pubblika u/jew minn gemgha ta nies kontra ligi bi ksur tal-**Artikoli 63, 64(1), 65(1) u 68(2)(3) tal-Kodici Kriminali**

**2)** Ikkomettew vjolenza kontra l-privat bi ksur tal-**Artikolu 251(1) u (2) tal-Kodici Kriminali** liema offizi ghandhom jitqiesu li kienu akkumpanjati bi vjolenza pubblika u/jew minn gemgha ta nies kontra ligi bi ksur tal-**Artikoli 63, 64(1), 65(1) u 68(2)(3) tal-Kodici Kriminali**

**3)** Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli u immobbli, u cioe:

i) f'van Nru R-0734, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' John Zammit;

ii) f'karozza Nru D-0628, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' Margaret Grech;

iii) f'karozza Nru J-2103, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' Saviour Lauro;

iv) f'karozza Nru D-7984, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' Emanuel Caruana;

v) f'karozza Nru A-7810, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' Raymond Agius;

vi) f'karozza Nru J-5154, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' Cynthia Haughton;

vii) f'karozza Nru A-5014, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux l-Lm500 ghad-dannu ta' Dennis Lauri;

viii) f'karozza Nru E-0267, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux l-Lm500 ghad-dannu ta' Alfred Tonna;

ix) f'karozza Nru K-7033, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux il-Lm500 ghad-dannu ta' Carmelo Vella;

x) f'karozza Nru D-9593, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux l-Lm500 ghad-dannu ta' Michael Briffa;

xi) f'karozza Nru B-3014, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux il-Lm500 ghad-dannu ta' Raymond Deguara;

xii) f'karozza Nru K-2949, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux il-Lm500 ghad-dannu ta' Louis Borg;

xiii) f'karozza Nru D-6437, liema hsara teccedi il-Lm50 izda mhux il-Lm500 ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi;

xiv) f'karozza Nru D-1163, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' Francis Formosa;

xv) f'karozza Nru S-8854, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux il-Lm500 ghad-dannu ta' Francis Dalli;
xvi) f'karozza Nru E-2771, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux il-Lm500 ghad-dannu ta' Jesmond Cassar;
xvii) fi proprjeta' pubblika, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u tammonta ghall elfejn sitt mija hamsa u sebghin liri Maltin (LM2675);

bi ksur tal-**Artikoli 325 (a) u (b) u Tielet Proviso tal-Kodici Kriminali** u liema offizi ghandhom jitqiesu li kienu akkumpanjati bi vjolenza pubblika u/jew minn gemgha ta nies kontra ligi bi ksur tal-**Artikoli 63, 64(1), 65(1) u 68(2)(3) tal-Kodici Kriminali**

4) F'lok pubbliku, libsu maskra jew biddlu is-sura taghhom, barra minn fiz-zmien u bil-mod li tippermetti l-ligi bi ksur tal-**Artikolu 338(n) Tal-Kodici Kriminali.**

5) Ghad illi kienu xurbana, qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika bi ksur tal-**Artikolu 338(bb) Tal-Kodici Kriminali.**

6) Hadu sehem f'gemgha bil-hsieb li jigi sfrattat meeting, li ltaqa skond il-ligi jew li jigi miksur il-bon ordni pubbliku f'dan il-meeting bi ksur tal-**Artikolu 18 tal-Kap. 68** u liema offizi ghandhom jitqiesu li kienu akkumpanjati bi vjolenza pubblika u/jew minn gemgha ta nies kontra ligi bi ksur tal-**Artikoli 63, 64(1), 65(1) u 68(2)(3) tal-Kodici Kriminali;**

7) Permezz ta' diversi oggetti huma ngumbraw it-triq pubblika li minn Bir id-Deheb taghti goz-Zejtun bi ksur tal-**Artikolu 25 tal-Kap. 10** liema offizi ghandhom jitqiesu li kienu akkumpanjati bi vjolenza pubblika u/jew minn gemgha ta nies kontra ligi bi ksur tal-**Artikoli 63, 64(1), 65(1) u 68(2)(3) tal-Kodici Kriminali**;

8) Hadu sehem f'gemgha ta' tliet persuni jew aktar u baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b'mod tali u taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li setghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'Malta bi ksur tal-**Artikolu 79 tal-Kodici Kriminali** liema offizi ghandhom jitqiesu li kienu akkumpanjati bi vjolenza pubblika bi ksur tal-**Artikoli 63, 64(1), u 65(1)tal-Kodici Kriminali**;

9) Flimkien ma persuni ohra, ingemghu f'numru ta' tlieta jew izjed bil-hsieb li jaghmlu reat, b'dan li tnejn minnhom kellhom fuqhom armi regolari bi ksur ta' l-**Artikoli 63 u 66 tal-Kodici Kriminali**;

Illi pero' bl-istess attivita' jew azzjoni kontinwata, cioe' bil-partecipazzjoni f'gemgha illegali li kkomettiet d-diversi reati ta aggressjoni fil-konfront tal-partitarji Nazzjonalisti, gew miksura diversi disposizzjonijiet tal-ligi kriminali, cioe' bl-istess partecipazzjoni attiva l-imputati kkommettew id-disa reati lilhom imputati u li taghhom nstabu hatja.

Ghalhekk hawn jirrikorri konkors formali, ideali jew apparenti fejn, kif gie ritenut mill-Qrati taghna (*v. Police -vs Onor. Dominic Mintoff tal-25/3/1950 - kkonfermata fl-Appell b'sentenza tat-30/6/1950 u d-decizjonijiet hemm citati*), ir-reati ma jkunux disa izda wiehed, bl-izjed reat gravi jassorbi fih dawk inqas gravi u l-piena applikata tkun dik indikata ghar-reat l-iktar gravi

Fil-kawza odjerna r-reat l-iktar gravi addebitat lill-imputati huwa dak kontemplat fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali u imputat lilhom fit-tielet (3) imputazzjoni dwar hsara volontarja fi proprjeta' pubblika li tiskorri fl-ammont il-hames mitt lira (LM500) billi aggravata bi vjolenza pubblika kontemplata fl-Artikolu 63 u l-aggravju ta attruppament kontemplat fl-Artikolu 68 tal-Kodici Kriminali timporta piena minima ta tlettax il-xahar prigunerija mizjuda bi tlett gradi, li tigi tammonta ghall piena minima ta' tlett (3) snin prigunerija oltre l-multa.

Inoltre ghandhu jigi enfasizzat li f'dan il-kaz jirrizultaw cirkostanzi verament strambi u anomali li ghalkemm ma jipprovdux skuzanti zgur li jistghu jitqiesu bhala attenwanti ghall-iskopijiet ta piena. Infatti l-gemgha, li giet hawn fuq iddikjarata li agixxiet illegalment u abusivament tant li gew ikkundannati l-imputati li ppartecipaw, kienet fil-fatt assistita jew kienet qed tassisti u definitivament kienet fuq l-istess naha tal-Awtorita' mghobbija bir-risponsabilita' ta zamma tal-ordni pubbliku.

Fi kwalunkwe kaz il-gemgha ta persuni li mblokkaw it-toroq u sforzaw l-abbandun tal-Mass Meeting legittmu mill-partitarji Nazzjonalisti billi ntuzat il-vjolenza deskritta hawn fuq, kienu qed jagixxu taht ghajnejn il-Pulizija u l-

Awtorita' li ghalhekk, bin-nuqqas ta' intervent, wasslu messagg ta approvazzjoni tacita ghall-imblokkar tat-toroq sa minn lejliet il-jum destinat ghall-meeting u ghal dak kollhu li gara sussegwentement.

Inoltre meta l-istess gemgha skjerat ruhha biex tirresisti l-avvanz tal-partitarji Nazzjonalisti, il-Pulizija kompriza il-Mounted Section u l-S.M.U. hadet posizzjoni identika u, sahansitra armati anke bit-'tear-gas' u l-attrezzi kollha biex iwaqqfu u jferrxu assemblea illegali, iffacjat, irresistiet u ferrxet l-assemblea legali.

Dan mhux il-kamp fejn  wiehed jiddiskuti dwar x'setghu kienu l-motivi wara l-manuvra deciza mill-Forzi tal-Ordni, izda ghandhu jigi rilevat biss illi jirrizulta minn dawn l-atti li l-ufficjali tal-Pulizija skjerati f'Tal Barrani kienu qed jagixxu taht istruzzjonijiet precizi tal-ufficjali gholja, kompriza d-decizjoni li jhaddnu f'nofshom il-gemgha ta pajzana, fosthom persuni mghammda u armati, minghajr l-icken tentattiv ta censura.

Dan ghalhekk setgha facilment jghati l-wiehed x'jifhem jew almenu jwassal ghad-dubbju jekk min kien qed jippartecipa mal-gemgha illegali kienx qed jghamel is-sew jew le. Infatti mill-atti ta dan il-process ma jirrizultax li ttiehdu xi passi kontra xi ufficjali ghall-operazzjoni minnhom mghazula.

Dan jista jkun ir-raguni ghaliex l-imputati kkundannati f'din il-kawza kienu ippartecipaw fl-incidenti msemmija bla habi, minghajr maskri u fuq kollox spalla ma spalla mal-Pulizija.  Dan ma jfisserx li dawn ic-cirkostanzi jistghu jservu ta xi skuza billi kellhu jkun dejjem evidenti li l-partecipazzjoni ta persuni pajzana f'operazzjoni determinata tal-Forzi tal-Ordni hija dejjem abusiva anke jekk l-assistenza jew almenu presenza taghhom ma kienetx irrifjutata. Infatti uhud mill-irgiel li ppartecipaw (mhux l-akkuzati) kellhom maskri jew b'xi mod iehor hbew l-identita'.

Pero' dawn ic-cirkostanzi attenwanti jissugerixxu riduzzjoni fil-piena billi jghtaffu ftit mill-gravita' tal-azzjoni tal-imputati.

Jirrizulta ukoll li dan il-process gudizzjarju, minhabba in-numru kbir ta xhiedha, il-kwistjonijiet legali, imprevisti u intoppi anke minhabba il-

kwantita' ta volumi li fihom jikkonsisti, (sallum il-process originali tal-inkjesta baqa' ma stabx) lilhu pendenti ghal hafna snin matul liema zmien l-imputati kienu dejjem soggetti ghal restrizzjonijiet fil-moviment taghhom bhala kundizzjonijiet fl-ghoti tal-plegg.

Dan il-fatt u l-fatt ukoll li matul dan iz-zmien l-imputati kienu dejjem soggetti ghall-dawn il-proceduri gudizzjarji ma jikkontribwux ghas-serenita' fil-hajja socjali u lavorattiva ta kull jum li kull cittadin huwa intitolat ghaliha. Ghalhekk dan l-aggravju u l-fatt li biz-zmien li ghaddha ittaffew xi ftit l-effetti tal-incidenti li kienu intimament marbuta mal-atmosfera politika ta dak iz-zmien ghandhom jigi ukoll kkunsidrati fid-decizjoni dwar il-konsegwenzi tal-htija.

Ghaldaqstant, billi mill-atti ta dan il-process ma jirrizultax li l-akkuzati matul dawn il-proceduri kkommettew xi nfrazzjoni ta xi ligi kriminali u billi llum jirrizulta ukoll bil-fors xi kambjament fic-cirkostanzi u kundizzjoni personali ta kull wiehed mill-akkuzati hatjin, issib illi huwa opportun li ma tinghatax piena u billi ssib ukoll li l-ordni ta *probation* mhux xieraq, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin (Kap. 152) qedgha tillibera lill-hatjin, kif hawn fuq determinat, bil-kundizzjoni li ma jghamlu ebda reat matul il-perijodu ta sena mil-lum. Ghalhekk tastjeni wkoll mill-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 533 ta Kodici Kriminali.

……………………………..
Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep Reg